FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

# GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 18 TA' OTTUBRU, 2001

**Numru: 11**

**Avviz Nru: 670/01 JB**

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra.**

**vs**

**Kenneth Francica**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Royalty fl-ammont ta' sbatax-il lira Maltin u sittax-il centezmi (Lm 17.16c) kwantu ghal erbatax-il lira Maltin u tnejn u disghin centezmi (Lm14.92c) Royalty u zewg liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmi (Lm2.24c) Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess Royalty dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Nru.011083 (Dok. A) rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut

rigwardanti l-istabbiliment Martsons ghall-perjodu mis-6 ta' Marzu 2001, sal-5 ta' Marzu, 2002.

Ra li l-konvenut baqa ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil PL Josette Attard tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**